Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAD-DISGHA W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 31 ta' Awissu 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Agent-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | MARIA LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Approvati. Is-Sur Zammit saqsa kemm il-kategorija hemm? Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li x'hin semmietlu dak li gie deciz hu qal li jekk isir hekk l-atleti ma jigux. Intalab li s-Sur Farrugia jigi jkellem lill-Kunsill fil-laqgha li jmiss u jigi deciz jekk ghandhomx jinghataw skond kif gie deciz. Is-Sur George Farrugia nzerta gie ftit wara u ntalab jitkellem fuq l-ammont tat-trophies. Hu qal li l-problema hi li ta' Settembru dejjem l-inqas li jkun hemm nies u n-nies igergru. Is-Sur Farrugia qal li b'dak qed jissuggerixxi l-Kunsill ha jitnaqqsu bejn 10-14-il trophy. Hu qal li mhux worth it li jitnaqqsu ghax in-nies ma jigux. Hu kompla billi qal li hemm ukoll tal-Ladies u dik tnaqqas mill-ammont ta' nies li jipparticipaw. Is-Sur Bonnici qal li hu kien ha sehem u ha placing u ghalih dik hija pregju. Il-Kunsill ghalhekk iddecieda li jibqa' kollox kif inhu. Ha tintalab sponsorship ukoll lill-Kunsill Malta ghall-Isports. Il-Kunsill iddecieda li jekk it-tanqqis hu ftit jibqa' kollox kif inhu.

## 2. KORRISPONDENZA

🗁 Kwotazzjonijiet minghand tlett kuntratturi rigward erba' louvers ghall-Gnien Misrah Kola. Giet accettata l-irhas kwotrazzjoni ta' Master Aluminium € 849.60.

🗁 E-mail minghand il-familja Sarsero rigward talba ghall-U bend. Is-Sur Zammit qal li ma jaqbilx maghhom specjalment meta jehlu fil-kurduna. Is-Sur Cassar qal li ahjar issir lampa gdida jew ahjar qal is-Sur Pace talba ghal dwal adekwat. Is-Sur Zammit staqsa jekk tistax issir *sleeping policemen*. Ghaldaqstant il-Kunsill ikkunsidra li ssir talba ghas-*sleeping policemen.*

🗁 E-mail minghand Jeanne Marie Borg rigward l-*Access Audit Report*. Il-Kunsill qabel li dan isir u ha intalab lill-Periti taghna avolja it-tender ta' l-ufficcini ha taghlaq nhar is-17 ta' Settembru u jigi mghoddi lid-Dipartiment xorta wahda.

🗁 E-mail minghand Inspire rigward Cycling for a Cleaner Future. Is-Sur Ralph Cassar issuggerixxa li jintalbu xi posters sabiex jitwahhlu fuq in-Notice Boards taghna.

🗁 E-mail minghand is-Sur Kevin Briffa rigward il-mizbla li hemm hdejn l-iskips tar-*recycling*. Is-Sur Pace qal li din mhix xi haga regolari zgur. Is-Sur Ralph Cassar qal li ghandhom isiru spot checks u s-Sur Bonnici qabel li jaghmel dan. Is-Sur Cassar qal li ma nistghux noqghodu

nnehhu l-iskips habba certi nies irresponsabbli. Is-Sur Pace issuggerixxa li jintbaghat Green Warden. Kulhadd qabel. Ghandha tintalab kwotazzjoni habba frekwenza etc.

3. **LEJL GHAT-TARD *FINAL UPDATE***
Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-programm issa hu finalizzat u ghaldaqstant ma jistghux isiru changes. Is-Sur Cordina qal li hemm programm li issa hu finalizzat u li gie ko-ordinat mis-Sur Azzopardi u li wara kollox gie accettat mill-Kunsill. Ghaldaqstant kull min jirrikorri ghand xi kunsillier ghandu jigi mitlub jibghat e-mail u din tinzamm ghall-edizzjonijiet tal-futur go file. Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni l-istima ta' Lejl ghat-Tard li telghet ghal €25,639 minghajr l-ispejjez tad-DVD's, fotografu, advertising, printjar ta' billboards etc. Id-dhul minn din l-attivita' hu ta' xi € 7,000 li maghdud mal-fond tal-budget jammonta ghal €17,000. Dan ifissser li l-Kunsill se jkollu johrog bejn €7000 u €10000 iktar min dak ppjanat. Il-Kunsill qabel ma' din l-ispiza.

4. **MEMO 118/2010 INIZJATTIVA AMBJENTALI**
Is-Segretarju Ezekuttiv talbet l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jintbaghtu proposti fuq din l-inizjattiva bl-e-mail sa mhux aktar tard mis-27 ta' Settembru 2010 .

5. **BINI T'UFFICCINI TAL-KUNSILL**
Is-Sur Ralph Cassar saqsa x'se jsir wara li jinfethu t-tenders? Is-Segretarju Ezekuttiv talbet permess biex it-tenders jinfethu fit-23 ta' Settembru f'nofsinhar u mhux kif imnizzel fis-17 ta' Settembru minhabba li dakinhar hi se tkun indisposta. Kulhadd qabel. Hi kompliet billi qalet li wara li jinfethu tintefa' applikazzjoni ghall-fondi d-Dipartiment li naturalment trid tigi approvata mill-Ministeru tal-Finanzi minhabba li sa jsir self minn bank lokali, flimkien ma' applikazzjoni ohra ghad-devoluzzjoni tal-art u kif il-process jinghalaq ikun jista' jibda jinbena. Sadanittant tohrog tender ohra ghat-tieni fazi tal-progett biex ix-xoghol ma jieqafx.

6. **PREMJU ANZJAN TAS-SENA**
Dan l-item gie aggornat.

7. **GREEN DOT 2010**
Dan l-item gie aggornat.

8. **APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET**
Dan l-item gie aggornat.

9. **PUNTI MQAJJMA**
Dan l-item gie aggornat.

10. **AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm ghal data mhabbra iktar il-quddiem.

________________________ ____________________
Sindku Data